MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 21

14 ta' Diċembru, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.10 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 21

21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 20 – 9;
21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
21.5 Komunikazzjoni;
21.6 L-entratura tal-lokalita';
21.7 Ftehim – Proġett Pjazza Santa Margerita;
21.8 Monument tal-Gwerra;
21.9 Il-Ġibjun – Triq il-Kbira;
21.10 Triq il-Kbira;
21.11 Il-Kalkara tal-Ġir;
21.12 Performance Bonus tal-Impjegati 2020;
21.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
21.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12/2020;
21.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresida din il-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Huwa qal li din hi l-aħħar laqgħa għal din is-sena 2020, fejn kellna wkoll nużaw it-teknoloġija biex stajna ngħamlu l-laqgħat virtwali u nkomplu naħdmu bix-xogħolijiet tagħna minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 20 – 9

21.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 20 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku qal li dwar l-proġett ta' Triq Sannat ix-xogħolijiet huma lesti u wasal fil-proċess li jingħata t-tarmak fil-junction u wara tingħata l-aħħar kisja tarmak. Huwa qal li qed jinsisti mall-Kuntrattur biex dan il-proġett jitlesta, l-Kuntrattur qal li t-temp mhux qed ikun favur li dan ix-xogħol jitkompla peress li qed tagħmel ix-xita. Il-Kuntrattur jrid jiġi jirranġa l-bankina ta' quddiem l-għassa, l-berġa u l-latrini pubbliċi u li jibdew jgħaddu s-servizzi tad-dawl, telefown eċċ. lir-residenti mis-service culvert biex finalment jiġu eliminati l-wires imdendlin fit-triq. Is-Sindku qal ukoll li l-Kuntrattur u l-Perit għandhom jikkomunikaw flimkien biex dan ix-xogħol jitlesta. Is-Sindku qal li din it-triq flimkien ma' Pjazza Santa Margerita ġew imlibsa b'dwal dekorattivi għal żmien tal-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena. Hu qal li fuq suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv jkun aktar utli jekk il-Kunsill jikkunsidra li sena oħra wieħed għandu jieħu nkonsiderazzjoni jekk id-dwal dekorattivi jitwaħħlu simili bħal dak li sar fil-pjazza u jsiru fuq l-arbli b'hekk neliminaw kull inkonvenjent bla bżonn għal vetturi kbar.

21.3.2 Is-Sindku qal li dwar l-offerta tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 (it-tieni sejħa) b'fondi ewropej il-Kunsill wasal biex jiffirma l-kuntratt mall-Kuntrattur. Hu għandu jintalab garanzija bankarja u insurance policy. Il-Kunsill flimkien mall-Perit u l-Kuntrattur għandhom jiltaqgħu fuq il-post biex jiġi spjegat dan ix-xogħol. Dwar l-ewwel sejħa Triq Bardan għadu għaddej bix-xogħol. Il-Kunsill qed jgħamel minn kollox biex dan ix-xogħol jitlesta.

21.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba ta' proposti li l-Ministeru għal Għawdex talab biex il-Kunsill jipproponi sa massimu ta tlett proġetti ta' toroq residenzjali u proġetti nnovattivi għas-sena 2021. Hu qal li l-Kunsill bgħat dawn il-proposti li huma kisi bit-tarmak ta' Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleri, il-proġett ta' ġibjun taħt il-playing field fi Triq Marziena, il-proġett tal-pompa fil-wied ta' Mġarr ix-Xini u l-Horse pool u dogs park ħdejn il-Ġnien tal-Bidwi.

21.3.4 Is-Sindku ssuġġerixxa biex nhar il-Milied filgħodu isir daqq mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita f'żoni miftuħa madwar il-lokal għal mhux aktar minn 10 minuti f'kull zona, dan biex

jinħass aktar l-ispirtu tal-Milied. Dan se jkun jista jsir dejjem dakinhar jekk it-temp jippermetti jekk le tiġi ffissata ġurnata oħra bejn il-Milied u l-ewwel tas-sena. Il-Kunsill għandu jaħseb għal permessi meħiteġa biex isir dan, għas-siġġijiet għal bandisti peress li fiċ-ċirkustanzi preżenti tal-Covid-19 mhux permessibbli li bandisti jdoqqu bil-wieqafa. Il-Kunsill għandu jaħseb ukoll għal għajnuna tal-pulizija biex ma jiltaqgħux nies barra minħabba l-pandemija. Il-Kunsill qabel ma dan u ssuġġerixxa li z-zoni jkunu f'dawn it-toroq: Triq Skerla, Triq Marsilja, Triq l-Ikxbiex, Triq il-Kbira, Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel ukoll biex jitlob għal għajnuna finanzjarja mill-Ministeru għal Għawdex.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.4.1 Is-Sindku staqsa lil kull Kunsillier jekk kienx hemm xi mistoqsijiet li hu jista jwieġeb.

21.4.2 Il-Kunsillier Gauci staqsa lill-Kunsill meta ser isir iż-żbir tas-siġar tal-ficus li hawn madwar il-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permessi meħtieġa mingħand l-ERA biex dan ix-xogħol jkun jista jsir.

## 21.5 Komunikazzjoni

21.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li riċenti daħlet fil-kont bankarju tal-Kunsill is-somma ta' €8225.54 b'konnesjoni mall-kuntratt mall-MGOZ għal major patching fi Triq Saguna.

21.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2021 hi dik ta' €269,027 b'żieda ta' €12,381 mis-sena l-oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif din l-allokazzjoni ġiet mqassma mid-Dipartiment biex il-Kunsill jaħdem kemm jista jkun fuqha.

21.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq suġġeriment lill-Kunsill biex nhar il-Ħamis 24 u l-Ħamis 31 ta' Diċembru 2020 lejlet il-festi l-Kunsill jiftaħ sa nofsinhar u l-għada tal-Milied u tal-ewwel tas-sena li din is-sena se jaħbtu s-Sibt ma jiftaħx. Il-Kunsill qabel li l-uffiċċju ma jiftaħx.

21.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li skond Direttiva 05/2020 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar depositu ta' flus fil-banek, il-Kunsill Lokali Ta' Sannat hu mitlub li jiftaħ kont savings biex fih jsiru depożiti ta' flejjes dovuti lil entitajiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu diġa għamel tentattiv mall-Bank of Valletta biex ikun jista jsir dan. Hu qal li dan il-kont se jkun bl-isem ta' "LC Other Entities Account" biex fih jiġu depożitati biss flus li jridu jgħaddu lill-entitajiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

21.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari u Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart
Direttiva 7A/2019 – ADDENDUM: Risk Assessment tal-Playing Field Madwar Malta u Għawdex

21.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
01 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/131 – Rates for Traffic Management Services offered by the Agency
01 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/132 – Influenza vaccine schedule in health centers
07 ta' Diċembru 2020 – Cir AKL 2020/133 – Istrina 2020

21.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
30 ta' Novembru 2020 – Gentle Reminder – Re Milied Solidali – Serati ta' Carol Singing fil-Lokalita'
30 ta' Novembru 2020 – Gentle Reminder – Re Milied Solidali – Filmat bl-Attivitajiet passati fil-Lokalita'. Il-Kunsill qal li ma kellux filmati ta din ix-xorta.
09 ta' Diċembru 2020 – Re Greening the Islands – NESOI Call
10 ta' Diċembru 2020 – Persuna biex tassisti fit-tqassim tal-Ikla tal-Milied 2020. Is-Sindku qal li se jassisiti hu f'dan it-tqassim.

21.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
2 ta' Diċembru 2020 – PA/08111/20 – To construct eighteen residential units and thirteen garages. Proposal includes excavation of basement. – Mr John Mary Frendo, Gatewood Court, New Street in, Triq Ta' Xagħman, Ta' Sannat.
Il-Kunsill qabel li għandu jibda joġġezzjona fuq dan it-tip ta' żvillup minħabba diversi raġunijiet ta' parkeġġ eċċ. Il-Kunsillieri Bajada talab li huwa ż-żmien opportun biex isir studju dwar il-problemi li hawn tat-traffiku u parkeġġ. Is-Sindku ssuġġerixxa li tiġi ffissata laqgħa mal-avukat u l-perit biex niddiskutu dan is-suġġett b'mod sostenibbli.
2 ta' Diċembru 2020 – PA/00561/20 – GTD – Proposed rehabilitation and change of use of existing building of vernacular significance. – Mr Jonathan Pace, Site at (Farm), Triq tal-Lewz, Ta' Sannat
2 ta' Diċembru 2020 – PA/06620/20 – GTD – To sanction variations from previous permission PA 4590/17 namely internal and external variations at all levels. – Ms. Roanna Refalo, Site at, Triq Ta' Xagħman, Ta' Sannat
9 ta' Diċembru 2020 – PA/06539/20 – To demolish existing exterior walls and extension of washroom and washroom level and sanctioning of existing pv panels and including the relocation of pv panels. – Mr Stephen Abela, Beetlejuice, Triq Ta' Dun Luqa, Ta' Sannat
9 ta' Diċembru 2020 – PA/08336/20 – To sanction internal alterations consisting of shifting of walls and proposed sub-division of duplex into two flats. – Mr Joe Saliba, Saliba, Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, Ta' Sannat
9 ta' Diċembru 2020 – PA/04178/20 – GTD – Proposed slatted floor and cesspit for licensed livestock farm. – Mr Salvu Pace, Cow Farm, Triq Mgarr ix-Xini, Ta' Sannat

21.5.9 Il-ġardinar ssuġġerixxa li jitħawwel it-turf fil-passaġġ tal-Ġnien tal-Bidwi u li hemm bżonn li jkun hemm ħamrija tajba għal dan. Hu qal li bir-riħ hemm xi wind breakers li tqaċċtu u għandhom bżonn it-tiswija. Il-Kunsill qabel li jsir dan u li jiġu rranġati l-wind breakers.

## 21.6 L-entratura tal-lokalita'

21.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv qed jipproponi li fil-bidu tal-entratura tal-lokal fil-bidu ta' Triq Sannat fil-junction fejn hemm il-bankina wiesa' u soft area biż-żewġ siġar tal-palm jiġi nstallat l-isem Ta' Sannat mixgħul fuq l-istess soft area, dan biex jiġi distint dan il-lokal għal minn ikun dieħel f'din il-lokalita'. Il-Kunsill wara li ddiskuta dan is-suġġeriment qabel ma din il-proposta. Il-Kunsill għandu jara u jġib kwotazzjonijiet tal-materjal għal dan ix-xogħol.

## 21.7 Ftehim – Proġett Pjazza Santa Margerita

21.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan l-aħħar il-Ministeru għal Għawdex bgħat kopja (draft) tal-Kuntratt tal-proġett tal-Pjazza Santa Margerita. Dan raħ ukoll l-Avukat u l-Perit biex dan jiġi analizzat. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsill se jipprepara d-dokument għal offerta. Is-Sindku qal li peress li huwa u l-Viċi Sindku jaħdmu t-tnejn mall-MGOZ ma jistgħux ikunu Chairperson tal-bord tal-aġġudikazzjoni w evalwazzjoni tal-offerta għalhekk talab u ssuġġerixa lill-Kunsillier Tewma biex ikun huwa c-Chairperson għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Tewma għandu jgħati risposta dwar dan. Il-Kunsillier Bajada staqsa xi kemm ser idum dan il-proġett. Is-Sindku qal li dan se jdum madwar sentejn. Is-Sindku qal li l-fanali dekorattivi li hemm f'din il-Pjazza spiċċaw u qed jiddeterjoraw. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan il-Kuntrattur diġa ġie nfurmat.

## 21.8 Monument tal-Gwerra

21.8.1 Is-Sindku qal li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż biex il-Kunsill jwaqqaf Monument tal-Gwerra peress li sentejn oħra se jiġi mfakkar it-tmenin sena minn meta f' Ta' Sannat tilfu ħajjithom 24 persuna. Għal dan il-għan twaqqaf sotto-kumitat li hu kompost mis-Sindku Chairman, u l-membri D. Joe Calleja, Brian Gauci, Stephen Mifsud u Joe Mifsud. Il-Kunsill qabel b'dawn il-membri fi ħdan dan is-sotto-kumitat. Huwa qal li dawn iltaqgħu u ġie ssuġġerit li l-ewwel il-Kunsill għandu jitkellem mall-Artist Manuel Farrugia biex jaħdem fuq artistic impression ta' żewġ ideat għal dan il-monument. Is-Sindku qal li s-sotto-kumitat qed jissuġġerixxi li dan il-monument isir fi Pjazzetta tax-Xelina minflok dak il-bank it-tond li hemm fejn il-bus stop, dan għaliex is-sotto-kumitat qal li fil-perspettiva tiegħu se jitgawda ferm aktar u anke jekk issir xi ċerimonja hemm aktar wisa. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid japplika għal DNO mall-Awtorita' tal-Ippjanar. Għal dan il-proġett il-Kunsill se jakwista l-fondi mid-DPF tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 21.9 Il-Ġibjun – Triq il-Kbira

21.9.1 Is-Sindku qal li l-ġibjun li jinsab fi Triq il-Kbira għandu bżonn ta' manutensjoni fih kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jitkellem ma Perit biex ikun jista jgħati stima għal dawn ix-xogħolijiet.

## 21.10 Triq il-Kbira

21.10.1 Is-Sindku qal li Triq il-Kbira hija waħda mit-toroq arterjali li taqa taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill u li aktar ma jgħaddi żmien din it-triq qed tiddeterjora ovjament minn din it-triq jgħaddu diversi nġenji u makkinarju peress li fuq din ix-xaqliba tal-lokalita' jinsabu diversi rziezet, minn din it-triq tgħaddi wkoll kuljum kull siegħa l-karozza tal-linja. Għalhekk qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jitlob stima mingħand il-perit biex meta jkun il-waqt li l-Kunsill ikun jista jibbenefika minn xi fond bħal dawk miksuba u b'dan ikun jista jsir faċilment.

## 21.11 Il-Kalkara tal-Ġir

21.11.1 Is-Sindku qal li l-Kalkara tal-Ġir biswit il-binja tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill reġgħet waslet biex din tiġi rrestawrata dan peress li qed ditteterjora bl-elementi naturali. Is-Segretarju

Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid jara minn fejn ser ikun jista jġib il-fondi biex ikun jista jsir dan ix-xogħol ta' restawr u jitkellem ma Perit intiż f'dan ix-xogħol.

## 21.12 Performance Bonus tal-Impjegati 2020

21.12.1 Is-Sindku qal li reġgħet għaddiet sena oħra u għalhekk ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisal Report u Performance Bonus ta' l-Impjegati għas-sena 2020 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:
Is-Segretarju Eżekuttiv, Jason Curmi ġie mogħti 10%.
L-Uffiċjal Eżekuttiv, Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%.
Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol tagħhom li sar matul din is-sena, sena ta' pandemija li magħha żiedet wkoll xi xogħolijiet fl-uffiċċju. Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

## 21.13 Ilmenti u Suġġerimenti

21.13.1 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand resident li joqgħod fi Triq Dun Luqa fejn talab li jsir *disabled parking* quddiem id-dar tiegħu. Huwa qiegħed jitob dan biex ikun aktar aċċessibbli għal uliedu li huma bi bżonnijet speċjali. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Transport Malta biex ikun jista jsir dan.

21.13.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGOZ rigward mera miksura fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju qal li din ġiet mibdula ma waħda ġdida u qal li faċċata ta' Triq Bardan saret oħra. Il-Kunsill qabel ma dan.

21.13.3 Il-Pulizija li jkun mat-tfal waqt id-dħul u l-ħruġ tal-iskola nnota li t-tabelli li hemm installati dwar il-ħinijet tal-għeluq mhumiex l-istess. Waħda qed taqra is-sagħtejn u għaxra u l oħra qed taqra is-sagħtejn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn kienu ġew irranġati għas-sagħtejn u għaxra permezz ta' sticker. Hu qal li mportanti li dawn jerġgħu jsiru mil-ġdid bil-ħin it tajjeb li jaqra is-sagħtejn u għaxra. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu.

21.13.4 Residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira ġo Sqaq għall-Triq 20 ta'Lulju talbet li tigi rranġata din it-triq li qed iżżomm l-ilma b'detriment għal terżi. Is-Sindku qal li l-Perit ra dan ix-xogħol u l-water culvert qed jitnaddaf. Hu qal li dan il-culvert irid jitwessa biex l-ilma jkollu aktar pendil. Il-Kunsill għandu jara x'għandu jsir.

21.13.5 Individwi qed jilmentaw rigward nuqqas ta' dawl fi Triq tal-Gruwa. Is-Sindku qal li dwar dan l-ilment il-Kunsill għandu l-ewwel jara x'ilmenti kellu diġa fejn hemm nuqqas fir-residential area.

21.13.6 B' referenza għall-ilment numru 31/2020, persuna talbet li ssir bankina ġdida fi Triq Xamgħan. Il-Kunsill għandu jitlob biex issir din il-bankina permezz tas-sistema works request system tal-MGOZ.

21.13.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li tabella Ta' Saguna Cliffs se tiġi mibdula peress li ddeterjorat permezz ta' l-elementi naturali. Il-Kunsill qabel ma dan.

21.13.8 B’ referenza għall-ilment numru 32/2020, persuna talbet li jiġu rranġati ħofor li hemm fi Triq Kbira. Il-Kunsill qabel li jingħata l-patching lil dawn il-ħofor. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew rrapurtati lill-WSC.

## 21.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 12/2020

21.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 12/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

21.14.2 Is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv awguraw għall-Milied t-tajjeb u li jkolna sena ħafna aħjar minn din li waslet biex tispiċċa. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin ser titqassam kartolina b’ messaġġ ta’ tama għal ġejjieni għal dan iż-żmien ta’ festi, ffirmata mill-Kunsilliera u l-impjeġati fl-uffiċċju lir-residenti kollha Ta’ Sannat.

21.14.3 Is-Sindku qal li llum stess il-Kunsill irċieva mingħand Ambjent Malta biex min hu nteressat għal tisbieħ b’aktar ħdura ta’ pjazzez urbani jista japplika sa mhux aktar tard mit-18 ta’ Diċembru 2020. Il-Kunsill qabel li japplika għal din l-inizjattiva.

## 21.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

21.15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.10 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta’ Jannar 2021, fis-2.00 p.m.

Konfermati, illum 18 ta’ Jannar, 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |